MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) GURISDIZZJONI SUPERJURI

## MAGISTRAT DR. ANTHONY ELLUL

Seduta tal-11 ta' Gunju, 2007

Rikors Numru. 56/2007/1

L-Avukat Dottor Henry Antoncich LL.D (ID 446650M) fil-kwalita' tieghu bhala mandatarju ta' l-assenti Jason Mizzi

vs

Tasika Auto Limited

Illum it-Tnejn 11 ta' Gunju 2007.

Il-Qorti,

Rat ir-rikors ta' Tasika Auto Limited li permezz tieghu qeghda titlob ir-revoka tal-mandat ta' sekwestru numru 56/2007 ai termini ta' l-Artikolu 283A tal-Kodici ta' Organizazzjoni u Procedura Civili (Kap. 12).

Rat ir-risposta ta' l-avukat Dottor Henry Antoncich nomine prezentata fit-23 ta' Mejju 2007.

Rat il-verbal tas-seduta tat-23 ta' Mejju 2007.

Rat l-atti tal-mandat ta' sekwestru numru 53/2001 fl-ismijiet **Jason Mizzi vs Tasika Auto Limited** prezentat fit-23 ta' Mejju 2001.

Rat l-atti tal-kontromandat numru 62/2001 fl-ismijiet **Jason Mizzi vs Tasika Auto Limited** prezentat fl-4 ta' Gunju 2001.

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet prezentata fil-11 ta' Gunju 2007 minn Tasika Limited li giet prezentata tardivament.

Rat in-nota prezentata fis-seduta tal-11 ta' Gunju 2007 minn Tasika Limited u li permezz ta' liema giet prezentata garanzija bankarja datata 11 ta' Gunju 2007 mahruga mill-APS bank meta l-istadju tal-provi kien maghluq.

Ikkunsidrat:-

1. Permezz ta' dawn il-proceduri qeghda tintalab ir-revoka ta' mandat ta' sekwestru ezemuttiv numru 56/2007 fl-ismijiet **L-Avukat Dr. Henry Antonich noe vs Tasika Auto Limited**. F'dan il-mandat jinghad li t-titolu ezekuttiv hi sentenza ta' din il-Qorti fil-kawza fl-ismijiet **Jason Mizzi vs Tasika Auto Limited** (cit numru:- 241/1998) deciza fis-27 ta' Marzu 2001 u li permezz taghha l-kumpannija Tasika Auto Limited giet kundannata thallas lil Jason Mizzi s-somma ta' disat elef lira Maltija (Lm9,000), inkluz l-ispejjez. Ma' dan l-ammont intalab ukoll il-hlas ta' l-imghax mid-data tas-sentenza. F'dik is-sentenza ma saret l-ebda kondizzjoni sospensiva mill-Qorti fir-rigward tal-hlas lill-intimat odjern. Ghalhekk skond l-Artikolu 256(1) tal-Kap. 12 dik is-sentenza (bhala titolu ezekuttiv) hija ezegwibbli wara jumejn mill-ghoti taghha.

2. In segwitu ghal dik is-sentenza, fid-29 ta' Mejju 2001 Jason Mizzi kien talab u ottjena l-hrug ta' mandat ta' sekwestru numru 53/2001 fl-istess ismijiet. Jirrizulta li wara s-socjeta Tasika Auto Ltd ottjeniet garanzija bankarja datata l-1 ta' Gunju 2001 favur Jason Mizzi li

qeghda tiggarantixxi l-hlas lil Jason Mizzi tas-somma ta' hdax-il elf lira Maltija (Lm11,000) bis-segwenti kwalifika:- *"this guarantee becomes effective from date of final judgement in a new lawsuit to be instituted by Tasika Auto Limited against Mr. Jason Mizzi, Writ of Summons 932/01JRM, in the Courts of Malta and shall remain valid up to sixty days therefrom, and is issued subject to removal or revocation of the Garnishee Order 1645/2001 in the names Tasika Auto Limited vs Jason Mizzi presented before the same Court on the 29th May 2001"*. Jirrizulta wkoll li, ghallinqas zgur sa l-ahhar seduta, il-mandat ta' sekwestru numru 932/2001 kien ghadu ma nharigx il-kontromandat tieghu ghalkemm gie prezentat rikors ghall-hrug ta' kontromandat li baqa' ma giex degretat.

3. Sussegwentement, is-sentenza regghet giet reza ezegwibbli permezz ta' digriet moghti fl-20 ta' Ottubru 2006 ipprezentat minn Dr. Henry Antoncich ghan-nom u in rapprezentanza ta' l-assenti Jason Mizzi ghat-tenur ta' l-Artikolu 258 tal-Kap. 12.

4. Fil-11 ta' Gunju 2007 inharget garanzija bankarja ohra mill-APS bank ghas-somma ta' erbatax-il elf u mitejn lira Maltija (Lm14,200) li fiha jinghad *"expires upon the issue of the relative counter-warrant to garnishee order 56/2007 or on the 1st June 2008 at close of businees, whichever is the earlier"*. Inoltre, jirrizulta li l-garanzija hi soggetta ghall-kondizzjoni li tissemma fl-ewwel pararafu (numru 1) tal-istess dokument.

5. Jirrizulta li bejn il-kontendenti hemm kawza fl-ismijiet **Tasika Auto Limited vs Jason Mizzi** (Cit. nru:- 932/01JRM) li hi pendenti quddiem il-Prim'Awla tal-Qorti Civili. Il-kumpannija Tasika Auto Limited qeghda tippretendi li peress li Jason Mizzi huwa assenti minn Malta u m'ghandux mezzi finanzjarji sabiex jaghmel tajjeb ghal kull eventwali kundanna hlas, il-hlas m'ghandux isir sakemm ghadha pendenti l-kawza msemmija.

6. Skond il-ligi d-depozitu (f'dan il-kaz ta' garanzija bankarja) m'ghandux l-effett ta' hlas *"….jekk il-kreditur ma jkunx qabel irrifjuta offerta valida"* (Artikolu 1174 tal-Kodici Civili). Fil-kaz odjern ma jirrizultax li kien hemm xi offerta valida li ghamel id-debitur (Tasika Auto Limited) lil Jason Mizzi sabiex isir il-hlas. Tasika Auto Limited qabdet u l-ewwel ipprezentat garanzija bankarja li tasal sal-ammont massimu ta' hdax-il elf lira Maltija u llum garanzija ohra bankarja ghall-hlas tas-somma sa massimu ta' erbatax-il elf u mitejn lira Maltija (Lm14,200). Minn qari ta' dan il-provvediment ma jirrizultax li debitur jista' jaqbad u minn jeddu jiddepozita fil-Qorti l-flus jew garanzija bankarja u fl-istess hin johrog mandat ta' sekwestru fuq l-ammont sabiex il-kreditur tieghu ma jkunx jista' jizbanka l-flus, u b'hekk jippretendi li ghandu jitqies li sar il-hlas. Il-Qorti taf li din hija prassi li tintuza pero' b'daqshekk ma jfissirx li hi tajba. Kienet tkun differenti forsi kieku il-flus gew depozitati mis-sekwestratarju u dawn ma gewx rilaxxati minhabba opposizzjoni tad-debitur jew minhabba li nhareg mandat kawtelatorju kontra l-kreditur (f'dan il-kaz Jason Mizzi). Ir-riferenza li ghamlet Tasika Auto Limited fin-nota li pprezentat fl-atti tal-mandat ta' sekwestru numru 53/01 ghas-sentenza fl-ismijiet **Avukat Dr. Antonio Caruana vs Luigi Scicluna** (deciza mill-Qorti ta' l-Appell (Sede Inferjuri) fit-28 ta' April 1956) m'hijiex rilevanti in kwantu kienet tittratta dwar depozitu li jkun sar minn sekwestratarju in segwitu ghall-hrug ta' mandat ta' sekwestru.

7. Skond l-Artikolu 283A tal-Kap. 12:-

*"Minghajr pregudizzju ghal kull jedd iehor taht din il-ligi jew xi ligi ohra, min jinhareg kontrih att esekuttiv jista' jaghmel rikors lil dik il-qorti li tkun harget dak l-att fejn jitlob li l-att esekuttiv jithassar, sew ghal kollox jew f'parti minnu biss,* ***ghal raguni valida skond il-ligi****"*.

8. Fic-cirkostanzi partikolari ta' dan il-kaz il-Qorti mhi tara l-ebda raguni valida ghalfejn ghandha tordna r-revoka tal-mandat ta' sekwestru numru 56/2007 fl-ismijiet **L-Avukat Dottor Henry Antoncich noe vs Tasika Auto Limtied** prezentat fit-30 ta' April 2007. Certament li l-kumpannija Tasika Auto Limited ghandha mezzi ohra ghad-disposizzjoni taghha sabiex tissalvagwardja l-interessi taghha. Dan oltre l-fatt li ma jirrizultax li l-mandat ta' sekwestru numru 1645/2001 ghad ghandu effett in kwantu jirrizulta li ma giex imgedded kif kienet titlob dak iz-zmien il-ligi (Artikolu 383 u 849 tal-Kap. 12).

Ghaldaqstant il-Qorti qeghda tichad it-talba ghar-revoka tal-mandat ta' sekwestru numru 56/2007 bl-ispejjez ta' din l-istanza kontra Tasika Auto Limited.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------